MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 171/1997/1

**Michael u Mary konjuġi Saliba**

**v.**

**Farrugia Brothers Gozo Transport Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fit-30 ta' Mejju 2008, liema

sentenza sejra tiġi hawn riprodotta fl-intier tagħha għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell:-
“Il-Qorti,

“Ic-citazzjoni tal-atturi taqra:

“Illi huma, konjugi Saliba, kienu inkarigaw lis-socjeta` Farrugia Brothers Gozo Transport Limited sabiex din tiehu hsieb tordnalhom u ggibilhom il-planki tal-konkos sabiex jintuzaw f’zewg *sheds* u *garage* li jiffurmaw parti mill-farm proprjeta` tal-atturi, liema farm jinsab fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex;

“Illi s-socjeta` konvenuta, wara li rapprezentanti taghha hadu l-qisien necessarji taz-zewg *sheds* u *garage*, ordnat dawn il-planki ghand is-socjeta` General Precast Concrete Limited ta’ Hal Far, Malta, u sussegwentement ittrasportat dawn l-istess planki ghal farm hawn fuq indikat proprjeta` tal-atturi;

“Illi wara li dawn il-planki gew trasportati, is-socjeta` konvenuta talbet lill-konjugi Saliba hlas kumplessiv ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u disghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6,495,56) bhala pagament ghall-planki tal-konkos u in kwantu ghal erba’ mija u erbgha u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm494.50) ghat-trasport tal-istess planki mill-fabbrika tal-General Precast Concrete Limited f’Malta ghal farm tal-atturi fix-Xewkija, Ghawdex;

“Illi sussegwentement ghall-pagament kollu ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u disghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6,495.56) illi l-atturi konjugi Saliba ghamlu lis-socjeta` konvenuta kif mitlub huma gew moghtija kopja tal-*invoices* kif mahruga mis-socjeta` General Precast Concrete Limited;

“Illi minn dawn l-istess *invoices* jirrizulta li huma halsu ta’ wiehed u sittin (61) planka tal-konkos meta fil-fatt huma kellhom bzonn u gew moghtija numru ferm inqas ta’ planki kif jirrizulta mix-xhieda waqt din il-kawza;

“Illi tlett planki tal-konkos li gew ikkonsenjati lill-atturi gratilhom hsara waqt li kienu qed jigu trasportati jew meta gew imqeghda fil-post mis-socjeta` konvenuta jew haddiema taghha u per konsegwenza ta’ din l-istess hsara dawn m’ghadhomx fil-kundizzjoni illi jintuzaw ghall-iskop illi ghalih gew ordnati;

“Illi ghalhekk, ghalkemm dawn l-istess tlett planki gew konsenjati, l-atturi ma ghandhomx ihalsu taghhom stante li l-istess planki tant kienu danneggjati illi ma kienux fi stat tajjeb ghall-uzu illi ghalih kienu intenzjonati;

“Illi l-atturi konjugi Saliba halsu lis-socjeta` konvenuta l-ammont ta’ erba’ mija, u erbgha u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm494.50) bhala hlas tat-trasport ta’ sitt vjeggi planki meta fil-fatt is-socjeta` konvenuta hadet erba’ vjeggi planki fil-farm proprjeta` tal-atturi u mhux sitta;
“Illi minkejja li giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tal-ammont illi thallas zejjed mill-atturi u wkoll ghal-likwidazzjoni tal-ammont dovut ghall-planki danneggjati u ghall-hlas tal-istess ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempienti;

“Talbu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara illi l-atturi hallsu ammont indebitament lis-socjeta` konvenuta u illi huma intitolati ghar-rifuzjoni ta’ dan l-istess ammont hekk imhallas;

“2. tillikwida l-ammont hekk imhallas indebitament billi tiddikjara li jikkonsisti f’dik is-somma li s-socjeta` talbet minghand l-atturi bhala prezz tal-planki li suppost gew konsenjati u l-hlas tat-trasport tal-istess planki;

“3. tiddikjara s-socjeta` konvenuta obbligata tirrifondi lill-atturi l-prezz ta’ dawk il-planki konsenjati minnha li gew minnha danneggjati jew mill-haddiema taghha u li ghalhekk ma kienux addattati ghall-uzu li ghalih kienu intenzjonati;

“4. tillikwida dan l-ammont billi tiddikjara li jikkonsisti fis-somma effettivament imhallsa mill-atturi bhala prezz ta’ dawn il-planki u transport tal-istess;

“5. tikkundannha thallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju 1997 u dawk tal-mandat ta’ qbid prezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta u bl-interessi legali b’effett mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tar-rifuzjoni effettiva. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hija ngunta.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

“1. illi l-opera intrapriza mis-socjeta` konvenuta ma kienitx li tordna u li ggorr il-planki izda li tforni lill-atturi bil-planki u li tpoggi l-istess planki fil-post fejn kienu iddestinati li jitqieghedu mill-atturi bil-prezz fiss u komplessiv ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsin centezmi (Lm6,495.50) li mhux biss gie accettat mill-atturi izda wkoll gie saldat;

“2. illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-appalt intrapiz mis-socjeta` konvenuta huwa affini ghall-bejgh li sar bi prezz li mhux biss gie accettat mill-atturi izda wkoll sar l-hlas miftiehem fl-intier tieghu u l-atturi irragixxew meta saru jafu li kieku huma ghamlu l-ordni direttament minghand is-socjeta` General Precast Concrete Limited ta’ Hal Far kienu jiffrankaw parti mill-prezz li huma ftehmu u accettaw li jhalsu lis-socjeta` konvenuta ghall-appalt kollu;

“3. illi l-appalt li sar bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta huwa divers, separat u distint min-negozju li sar mis-socjeta` konvenuta mas-socjeta` General Precast

Concrete Limited ta’ Hal Far li maghha l-atturi m’ghandhom ebda relazzjoni guridika;

“4. illi l-hsara lamentata mill-atturi f’xi planki li gew imqeghda u li allegatament saret mis-socjeta` konvenuta u li hija tali li tirrendi l-istess planki mhux aktar f’kundizzjoni illi jintuzaw ghall-uzu li ghalih kienu intenzjonati, hija allegazzjoni infondata u inveritiera kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza u ma taghti ebda dritt lill-atturi li jitolbu rifuzjoni tal-prezz shih jew ta’ parti minnu;

“5. illi meta tqieghdu l-planki fil-post ma ngab ebda ilment a konjizzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar hsara fil-planki u l-atturi qatt ma nsistew jew allinqas ippruvaw izommu parti mill-prezz miftiehem ghal din l-allegata hsara anzi ghall-kuntrarju halsu l-prezz kollu miftiehem u issa sena u nofs wara li l-planki tqieghdu fil-post l-atturi qeghdin jallegaw li saret din il-hsara;

“6. illi s-socjeta` konvenuta ma taf li saret ebda hsara fil-planki waqt li kienu qeghdin jigu mqieghda fil-post, la mill-haddiema taghha, u lanqas mill-haddiema inkarigati minnha u ghaldaqstant ma hix responsabbli ghall-hsara li issa qeghdha tigi allegata mill-atturi;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

“Semghet u ezaminat il-provi kollha;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkonsidrat:

“Illi mill-provi in atti jirrizulta li l-kawza ghandha l-origini taghha f’appalt li s-socjeta` konvenuta kienet hadet minghand l-atturi ghall-provizjoni ta’ planki u t-tqeghied taghhom f’zewg *sheds* u *garage* li l-atturi kienu bnew jew kienu fil-procint li jibnu fir-razzett taghhom fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Konsoni mat-talbiet fic-citazzjoni l-

attrici in sostenn tal-istess talbiet u fl-affidavit taghha spjegat li l-hlas indebitu li sar lis-socjeta` konvenuta u li tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-hlas lura jikkoncerna: i. il-prezz ta' tlett planki li gew lilhom ikkonsenjati difettuzi mis-socjeta` konvenuta; ii. il-prezz ta' zewg planki ikkonsenjati zejda; iii. il-prezz ta' disa' planki li l-attrici tghid li ma rcevietx tant li kienu fatturati lil certu Victor Zammit.
“Illi pero` qabel ma tiddiskuti u eventwalment tiddeciedi l-meritu tal-vertenza l-Qorti sejra tissoferma fuq zewg rikorsi intavolati mis-socjeta` konvenuta u tiddisponi minnhom. L-ewwel wiehed hu dak li jirrizulta folio126 li jitratta n-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur Michael Saliba. Dan ir-rikors, pero`, m'ghandux fondatezza stante li malgrad ir-revoka tal-prokura lill-martu, li in forza taghha saret il-kawza wkoll f'isimha proprju, fl-ebda stadju tal-kawza ma jirrizulta li l-imsemmi attur ceda jew irrinunzja ghall-azzjoni li baqghet tghajjat lilu bhala wiehed mill-atturi anka wara li rrevoka il-prokura u meta allura kellu presenza fizika, u jidher li ghad ghandu, f'dawn il-Gzejjer. It-tieni wiehed fejn gie mitlub l-isfilz mill-atti ta' dokument esebit mill-attrici wara l-gheluq tal-provi u fl-istadju li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, il-Qorti, ser tissoprasjedi milli tiddegretah u kwindi tastjeni li tiehu konjizzjoni tieghu billi f'kull kaz mhux qeghdha tirriavisa ebda effett utili li d-dokument ghandu fuq l-esitu tal-kawza.

“Issa trattat il-meritu, kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom ta' hlas indebitu principalment fuq l-bazi tat-tliet konsiderazzjonijiet li ghamlet l-attrici kif fuq indikat. Jinghad, hawnhekk, li l-attur ma xehedx filwaqt li huwa pacifiku li kien hu li kien irranga u fthiem l-appalt mas-socjeta` konvenuta.

“Illi l-prova tal-hlas indebitu kellha tkun cara u univoka u fir-rigward m'hemm xejn minn dan. U ghalkemm jirrizulta li l-prezz li thallas lis-socjeta` konvenuta kien ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,494.50) komplessivament, imkien ma' jirrizulta kemm minn dan kien jirraprezenta planki u kemm kien jirraprezenta xoghol. In-nuqqas ta' kjarezza tippermani fil-provi kollha tal-atturi sahansitra fl-

allegazzjoni tal-attrici li l-fattura ennumerata 5450 kienet tghajjat lil certu Victor Zammiti. Fir-rigward din il-fattura l-Qorti issaqsi: ghal liema fattura qed tirreferi l-attrici?? - dik li esebit fl-ahhar stadju tal-kawza bl-istess numru izda intestata f'isem zewgha??, jew dik li tinsab esebita folio 24 li tindika disa' planki u li dwarha xehed wkoll Taddeo Farrugia ghas-socjeta` konvenuta u spjega c-cirkostanzi tal-kitba fuqha??. Dak illi invece jirrizulta hu li l-uniku xhud prodott mill-atturi, apparti li xehdet l-attrici, kien certu Christopher Micallef li, apparti li ma' kienx impjegat mas-socjeta` 'Precast', cioe` dik li mmanufatturat il-planki, meta giet kuntratata biex taghmel ix-xoghol, afferma li l-'Precast' mas-socjeta` konvenuta kellha x'taqsam u d-*delivery note* kienet tikkonsenjha lis-socjeta` konvenuta indikanti fuqha l-konsenjatarju skond kif kienet tghidilha s-socjeta` konvenuta. U wkoll skjett il-fatt li l-atturi kienu halsu bla riseva ghall-appalt kollu kompriz fih il-prezz tal-planki u dak tax-xoghol.

"Illi kollox ma' kollox din il-Qorti hi konvinta, mill-assjem tal-provi, li l-obbligazzjoni principali kienet l-adempiment ta' haga (ix-xiri u t-tqeghid ta' planki) li fil-kuntest ta' l-appalt ma kienx ibbazat fuq rati izda fuq somma pre-determinata. Hi ghalhekk il-fehma tal-Qorti li fin-nuqqas ta' provi univoci dwar materjal difettuz, materjal zejjed mhux utilizzat, u pagamenti zejda, ma jistax jigi varjat. Hawnhekk il-Qorti qeghdha tirreferi wkoll ghal dak il-hlas li l-atturi ghamlu lill-certu Debono li ghandu jinghad ma giex minnhom prodott biex jixhed u li ghalhekk ma rrizultax car ghal xiex kien thallas. Idem fir-rigward iz-zewg planki zejda u t-tliet planki difettuzi li ma jissemmew imkien fl-uniku xhud li ttella mill-atturi u dan dejjem fin-nuqqas li jixhed l-attur li kien hu li fthiem mas-socjeta` konvenuta l-prezz individwali tal-planki u x'kien il-prezz tax-xoghol. Fin-nuqqas ta' din il-prova li kienet tinkombi fuq l-atturi difficilment hi l-Qorti f'posizzjoni li tillikwida xi ammont anke kieku kellha taccetta bhala fatt dak li tistqarr l-attrici fl-affidavit taghha (ara folio 21) fir-rigward z-zewg planki zejda u t-tliet planki difettuzi. F'dan il-kuntest id-dokument esebit minnha u ghal liema oggezzjonaw il-konvenuti (vide supra) xejn ma jghin biex tikkjarifika l-affarijiet, anzi l-

imsemmi dokument lanqas hu rikonciljabbli mal-fatturi precedentement esebiti miz-zewg kontendenti.

“Maghmula dawn l-osservazzjoniet ghalhekk il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.”

**L-appell ta’ Michael u Maria konjuġi Saliba**

2. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tat-30 ta’ Mejju 2008, u interponew appell minnha. In suċċint l-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

i) L-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta’ rikors prezentat fl-24 ta’ Awwissu 2007. Il-Qorti ma setgħetx tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors izda kellha jew tilqa’ jew tiċħad dak ir-rikors. L-appellanti komplew li l-ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta ddiskriviet dan ir-rikors bħala wieħed tal-konvenuti għall-isfilz ta’ dokument esebit minnhom. Ir-rikors tal-24 ta’ Awwissu 2007, kien wieħed sabiex l-atturi jkunu jistgħu jesebixxu dokument illi skoprew wara li kienu ngħalqu l-provi.

ii) It-tieni aggravju huwa li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi meta waslet ghal konklużżjoni illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw il-każ tagħhom.

Għaldaqstant l-atturi appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-digriet mogħti mill-ewwel Qorti li bih iddisponiet mir-rikors tal-24 ta’ Awwissu 2007, liema provvediment ingħata fis-sentenza tat-30 ta’ Mejju 2008, u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-30 ta’ Mejju 2008, billi tilqa’ t-talbiet attriċi.

**Risposta ta’ Farrugia Brothers Gozo Transport Limited**

3. Preliminarjament l-appellati rrispondew li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mad-dokument li ġie esebit mill-atturi, m'huwiex minnu li l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tiegħu, għaliex fis-sentenza tagħha għamlitha ċara li ħadet dan id-dokument in konsiderazzjoni. L-attriċi ppreżentat dan id-dokument mingħajr ma stenniet li tingħata permess sabiex tagħmel dan mill-ewwel Qorti.

Rigward it-tieni aggravju dwar il-mertu, dan huwa infondat u manifestament fieragħ.

Għaldaqstant is-sentenza li nghatat mill-ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż a karigu tal-atturi appellanti u stante li dan huwa appell fieragħ u vessatorju għandhom jiġu applikati l-komminazzjonijiet tal-Artikolu 229(9) tal-Kapitolu 12.

**Fatti tal-kawża**

4. Qabel ma tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti tħoss li jkun utli li tagħti l-isfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu ta' din il-kawża, u dan kif ser jinghad:

i) L-attur Michael Saliba ordna numru ta' planki tal-konkos mingħand il-konvenuti, liema konvenuti min-naħa tagħhom ordnaw dawn il-planki mingħand General Precast Concrete Limited;

ii) Ix-xogħol li kellhom jagħmlu l-konvenuti huwa li jordnaw dawn il-planki, li jikkonsenjawhom lill-atturi u li jpoġġuhom f'posthom. Għal dan ix-xogħol l-atturi ħallsu l-ammont ta' sitt elef, erba' mija, ħamsa u disgħin Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm6,495.50), li llum jekwivalu għal ħmistax-il elf, mija u tletin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€15,130.44);

iii) L-attriċi Maria Saliba ssostni li kienu ħallsu għal wieħed u sittin (61) planka meta kellhom bżonn inqas

minn hekk, issostni inoltre li waqt it-trasport saret ħsara li tlieta (3) minn dawn il-planki u fl-aħħar tgħid li l-ammont imħallas ta' Lm494.50 kien għal sitt vjaġġi meta fil-fatt saru erba' vjaġġi biss.

iv) Min-naħa tagħhom il-konvenuti jgħidu li dan kien kuntratt ta' appalt miftiehem mal-attur Michael Saliba u li l-ammont ta' sitt elef, erba' mija ħamsa u disgħin Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm6,495.50), kien prezz fiss u komplessiv li ġie aċċettat u saldat mill-atturi; ikomplu li ma saret ebda ħsara lill-planki.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

5. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar rikors li ġie ppreżentat fl-24 ta' Awwissu 2007 u li l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

Ir-rikors li ġie ppreżentat mill-attriċi appellanti fl-24 ta' Awwissu 2007, ara fol. 146 tal-proċess, kien jirrigwarda talba sabiex tesebixxi dokument wara li kienu ngħalqu l-provi. L-ewwel Qorti rat dan ir-rikors fil-31 ta' Awwissu 2007, u ordnat in-notifika sabiex il-konvenuti jirrispondu fi żmien erbat ijiem. Ir-rikors ġie nnotifikat fit-22 ta' Ottubru 2007, u r-risposta daħlet fil-25 ta' Ottubru 2007. Għal xi raġuni, l-ewwel Qorti reġgħet ordnat in-notifika ghar-replika tal-attriċi appellanti, liema appellanti mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti ppreżentat id-dokument flimkien mar-replika tagħha.

Għalhekk jirriżulta li, fil-fatt, l-ewwel Qorti ma kienitx tat digriet dwar jekk l-attriċi appellanti setgħetx teżebixxi dan id-dokument, u l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet illi ma kienitx se tiddekreta dan ir-rikors għaliex f'kull każ kien dokument inutli għal-konsiderazzjonijiet tagħha.

Rigward dan l-aggravju, din il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi jekk dan id-dokument kienx utli sabiex ssir ġustizzja fil-kawża li kellha quddiemha. L-ewwel Qorti kienet proċeduralment skorretta meta ma ddekretatx ir-rikors li kienet ippreżentat l-appellanti. Mhux hekk biss, iżda hija inoltre ħalliet lill-appellanti tagħmel dak li trid u tippreżenta dan id-dokument minkejja li ma kellhiex il-

permess li tagħmel dan. L-ewwel Qorti fl-aħħar ddeċidiet li ma tikkonsidrax dan id-dokument għaliex kkonsidratu bħala dokument inutli. Di fatti hija rriteniet li, "f'kull każ (hija) mhux qiegħda tirriavviża ebda effett utli li d-dokument għandu fuq l-eżitu tal-kawża".

A bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma' tistax tifhem l-aggravju tal-appellanti għaliex għalkemm proċeduralment l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi li tastjeni milli tiddekreta dan ir-rikors, fl-aħħar mill-aħħar hija rat id-dokument li ġie ppreżentat arbitrarjament mill-appellanti u għalhekk finalment dak li riedet l-appellanti bir-rikors tagħha li teżebixxi dan id-dokument gie attwat. Għalhekk ma jidher illi hemm assolutament l-ebda skop għall-ewwel aggravju tal-appellanti.

Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

6. It-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi akkwiżiti magħmul mill-ewwel Qorti, liema apprezzament, dejjem skont l-appellanti, kien wieħed żbaljat.

Qabel xejn għandu jingħad li trattandosi hawn ta' provi fattwali, din il-Qorti ma tiddisturba qatt leġġerment dak l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, jekk mhux għal raġuni gravi u li b'hekk allura tkun ser issir xi inġustizzja manifesta.

Din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi prodotti u, madankollu, ma jidhrilhiex li huwa hawn il-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Kif ġia` rajna, l-appellanti kienu talbu li ssir il-likwidazzjoni ta' ammont ta' flus li hija allegat li ħallset indebitament u sabiex tigi rifuża tliet (3) planki difettużi. Insistiet li żewġ vjaġġi kienu tħallsu meta dawn ma sarux, u li inoltre kien hemm disa' (9) planki li hija baqgħet ma rċevithomx.

7. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-*onus probandi* kien jinkombi fuq l-appellanti. Dan ifisser li hija kellha tipprova, almenu sal-grad ta' probabilita`, dak kollu li qegħda tallega. Issa l-provi li saru min-naħa tagħha jikkonsistu f'affidavit tal-appellanti Maria Saliba, ix-xhieda

mogħtija minn impjegat tal-General Precast u l-produzzjoni tal-*invoices* li saru meta ġew ordnati l-planki.

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li meta sar il-ftehim *de quo* bejn l-appellant Michael Saliba u l-appellat Farrugia Brothers Gozo Transport, l-imsemmija Maria Saliba lanqas biss kienet preżenti. Kwindi, hija ma setgħetx tgħid *di propria scienzia*, jew inkella tikkonferma, x'kien eżattament dak li ġie miftiehem bejn ir-raġel tagħha u l-konvenuti. Mill-*invoices* li ġew esebiti jirriżulta li b'kollox ġew ordnati wieħed u sittin (61) planka, pero` bl-ebda mod ma ġie assodat sodisfaċentement li, bħala fatt, ġew ikkonsenjati numru ta' planki <u>anqas</u>, kif ġie allegat. Dwar il-ħsara li allegatament ġiet riskontrata fi tlieta minn dawn il-planki, l-unika prova hija x-xhieda mogħtija mill-attrici appellanti stess – u anke hawn għandu jingħad li din il-"prova" m'hijiex waħda daqstant konvinċenti. Biżżejjed jingħad li filwaqt li fl-att promotorju tagħha, l-attriċi tiddikjara li l-ħsara saret waqt it-trasport tal-planki, in segwitu (fl-affidavit tagħha) tgħid li wara xahar li kienu saqqfu, żviluppat ħsara f'dawn it-tliet planki. Taħt dan l-aspett għalhekk, ix-xhieda tal-attrici ma tistax titqies bħala waħda kredibbli jew attendibbli. Min-naħa tagħhom, imbagħad, il-konvenuti sostnew li l-ħsara f'dawn il-planki saret meta tqegħdu u tħallew mal-art.

9. Saru inoltre allegazzjonijiet oħra mill-imsemmija Maria Saliba dwar planki oħrajn, jiġifieri dik li żewġ planki ġew suppliti żejda (fil-fatt baqgħu għandhom) u li kien hemm disa' (9) planki oħra li hija qegħda tallega li huma ħallsu għalihom mingħajr ma ġew riċevuti, anzi tgħid li dawn "kienu *invoiced* lil ċerta (sic) Victor Żammit". Issa mis-sentenza għandu *invece* jirriżulta aktar minn evidenti kemm l-ewwel Qorti għarblet sew il-provi fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom. Il-konklużjoni tal-ewwel Qorti kienet waħda netta u di fatti rriteniet li,

"In-nuqqas ta' kjarezza (da parti tal-atturi) tippermani fil-provi kollha tal-atturi saħansitra fl-allegazzjoni tal-attriċi li l-fattura enumerata 5450 kienet tgħajjat lil Victor Zammit. Fir-rigward ta' din il-fattura l-Qorti ssaqsi: ghal liema fattura qed tirreferi l-attriċi? Dik li esebit fl-ahhar stadju

tal-kawża bl-istess numru iżda intestata f'isem żewgha? Jew dik li tinsab esebita *folio* 24 li tindika disa' planki u li dwarha xehed ukoll Taddeo Farrugia għas-soċjeta` konvenuta u spjega ċ-ċirkostanzi tal-kitba fuqha? ..."

Apparti li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova suffiċjentement l-premessi fl-att taċ-ċitazzjoni, jibqa' l-fatt li, f'kull każ, hawn għandek żewġ verżjonijiet kontradittorji b'dan li l-Qorti kellha tiddeċiedi favur l-imħarrek – *actor non probante reus absolvitur.*

Għalhekk l-aggravju fil-mertu huwa wkoll infondat u qiegħed jiġi respint.

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tiċħad l-appell tal-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------